

# Erbgħin Sena mill-Ġrajja Għażiża tal-Inkurunazzjoni: Min kienu l-Protagonisti?

Is-Sur Joseph G. M. Borg

Ritratti: is-Sur Joseph Vella

Erbgħin sena ilu seħħet fostna bħal f'ħolma sabiħa l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru titulari tal-Assunta meqjum fil-Knisja Arċipretali tagħna. Kien il-Ħadd l-10 ta' Awwissu 1975, il-jum memorabbli li żgur li jibqa' mniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-parroċċa għażiża tagħna. Hawn ta' min jistaqsi min kienu dawk li minħabba fihom setgħet isseħħ din il-ġrajja.

## L-Arċipriet Bezzina

Żgur li fuq quddiem nett jiġi l-Arċipriet Dun Bartilmew Bezzina minn Ħal Għargħur li mexxa l-Parroċċa tagħna mill-1960 sal-1981. Bir-raġun kollu jibqa' magħruf fostna bħala "l-Arċipriet tal-Inkurunazzjoni". Kien hu li, f'ismu u f'isem il-kleru u l-poplu tal-Mosta, għamel u ressaq petizzjoni lill-Arċisqof ta' Malta biex jiġi nkurunat il-kwadru titulari tal-Assunta meqjum fil-Mosta sa mill-1678. Kien hu li organizza, flimkien ma' kumitat li hu għażel, il-festi kbar li kienu saru fostna tal-Inkurunazzjoni. Kien hu li ħeġġeġ kemm felaħ biex fostna titqajjem devozzjoni lejn il-kwadru għażiż.

Fost affarijiet oħra li saru tul il-parrokat ta' dan l-arċipriet, żgur li jibqgħu jfakkruna fih l-appostli tal-portiku u l-fontispizju tan-naħa ta' wara tar-Rotunda. Fis-sagristija niltaqgħu mal-pittura tiegħu, xogħol tal-artist magħruf Taljan Mario Caffaro Rore.

## l-Arċisqof Gonzi

Kien l-Arċisqof Gonzi li, wara li kienet tressqet quddiemu l-petizzjoni tal-Arċipriet Bezzina f'Novembru tal-1973, aċċettaha u laqagħha bil-ferħ. Mhux biss, imma talli hu stess kien tela' biha Ruma u ressaqha personalment quddiem il-Papa Pawlu VI. Dan il-papa min-naħa tiegħu awtorizza lill-Arċisqof Gonzi biex f'ismu jinkuruna x-xbieha tal-Assunta meqjuma fil-Mosta.

Kien hu li nhar id-19 ta' Lulju 1975 ħareġ Pastorali li nqrat fil-parroċċi ta' Malta u li fiha, fost affarijiet oħra, kien ħeġġeġ lill-Maltin kollha biex nhar it-2 ta' Awwissu 1975, jingħaqdu f'pellegrinaġġ nazzjonali ġewwa l-Mosta. Eluf ta' Maltin kienu ħadu sehem f'dan il-pellegrinaġġ filwaqt li mxew wara l-istatwa titulari tagħna ta' Santa Marija.

Kien l-Arċisqof Gonzi wkoll, li ta' disgħin sena ġie l-Mosta nhar l-10 ta' Awwissu 1975, biex f'isem il-Papa Pawlu VI u f'ismu jinkuruna sollennement ix-xbiha għażiża tal-Assunta meqjuma ġewwa r-Rotunda tal-Mosta. Din l-Inkurunazzjoni kienet saret sewwa sew fuq iz-zuntier wisq sabiħ tal-knisja tagħna quddiem folla kbira ta' nies li kienet inġabret għal din l-okkażjoni. L-unika tifkira ta' dan l-arċisqof kbir li għandna fil-knisja arċipretali tagħna nistgħu narawha fil-panew tal-bronż tan-naħa ta' wara tal-bankun ta' Santa Marija li sar fl-1957. Dan il-panew juri l-Proklamazzjoni Dommatika tal-Assunzjoni tal-Madonna mill-Papa Piju XII. Fost l-isqfijiet li jidhru preżenti, l-iskultur Ruman Carlo Pisi daħħal lill-Arċisqof Mikiel Gonzi.

## Il-Beatu Papa Pawlu VI

Il-Papa Pawlu VI, illum beatu, mexxa l-Knisja ta' Kristu bejn l-1963 u l-1978. Kienu snin diffiċli għall-Knisja u, minħabba f'hekk, sofra ħafna tul il-pontifikat tiegħu. Għalina l-Mostin huwa papa għażiż. Id-dokument tal-Inkurunazzjoni tat-12 ta' Diċembru 1973, ħareġ f'ismu u kien iffirmat mis-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan, il-Kardinal Joannes Villot.

Wieħed għadu jista' jara dan id-dokument imdendel fis-sagristija ta' fejn jilbsu l-qassisin. Meta dan id-dokument wasal fil-parroċċa tagħna kien tqiegħed fin-niċċa ta' San Ġużepp, biex il-poplu jkun jista' jarah. Dik il-ħabta nzerta li din in-niċċa kienet vojta, għax l-istatwa ta' San Ġużepp kienet għand l-induratur Coleiro tal-Belt Valletta.

B'tifkira ta' dan, il-papa għażiż għalina, bl-inizjattiva tad-dilettanti tal-armar ta' barra, fl-2011 saret l-istatwa tal-kartapesta tal-Papa Pawlu VI. Din tintrama fil-pjazza

fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. Din hija xogħol l-istatwarji Għawdxin Michael u Adonai Camilleri Cauchi. Kien ħallas għaliha s-Sur Ivan Scerri b'tifkira tal-Arċipriet tal-Inkurunazzjoni Mons. Dun Bartilmew Bezzina.

## Il-Kardinal Corrado Ursi

Protagonist ieħor kien il-Kardinal Corrado Ursi, l-Arċisqof ta' Napli. Huwa kien ġie mistieden biex jagħlaq il-festi tal-Inkurunazzjoni nhar Santa Marija tal-1975. Fl-għodwa ta' dak il-jum glorjuż, dan il-kardinal simpatiku kien ġie mniżżel f'karozzella miftuħa minn Triq il-Kungress Ewkaristiku miġbuda minn żewġ ringieli ta' rġiel Mostin fost il-ferħ ta' kulħadd. Wara pontifikal mill-iżjed solenni, kien tela' fuq il-pulptu tar-Rotunda biex minn hemm ilibbes ċurkett prezzjuż f'wieħed mis-swaba' t'id ix-xellugija tal-istatwa tal-Assunta. Sadanittant, l-istatwa kienet ġiet merfugħa u mressqa ħelu ħelu ħdejn il-pulptu. Dak il-ħin kienet tkantat is-Salve Reġina.

Kienet ċerimonja li siltet id-dmugħ. Kienet turija ta' mħabba li l-poplu tal-Mosta jrid jibqa' magħqud mal-Madonna.

## Protagonisti Oħra

Protagonisti wkoll kienu l-arġentiera li ħadmu kemm il-kuruna prezzjuża tad-deheb kif ukoll is-sitt lampieri tal-fidda. Hawn ta' min isemmi lill-Kavallier Dun Ġwann Debono li tana l-Innu "Lill-Assunta Nkurunata" u lill-Ġiżwita Patri Ġużè Delia li f'dik l-okkażjoni kiteb poeżija mill-isbaħ. Fuq kollox kienu l-Mostin li taw minn qalbhom ġidhom u flushom biex sar dan kollu u biex saru l-festi hekk kbar tal-Inkurunazzjoni li aħna għadna nfakkru b'tant ferħ u sollennità nhar kull 10 ta' Awwissu.

**Referenzi:-** Storja tal-Mosta miġbura minn E.B.Vella u Oħrajn – Żieda XVI – L-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta – 10 ta' Awwissu 1975 – Minn D.A.C.



*Il-Kardinal Ursi jiġi milqugħ mill-folla meta wasal il-Mosta*



*Il-Mostin fir-Rotunda jilqgħu lill-Kardinal Ursi*



*Il-Kardinal Ursi jmexxi l-purċissjoni tal-Inkurunazzjoni*




*Il-folla kbira li assistit għaċ-ċerimonji tal-Inkurunazzjoni*



*Mument waqt il- konċelebrazzjoni li saret taħt il-portiku tar-Rotunda*



*Il-Prim Imħallef J.J. Cremona bil-kuruna f'idu jmexxi l-korteo lejn ir-Rotunda*



*Mix-xellug: Il-Prim Imħallef JJ Cremona, Is-Sur Gużeppi Grech, is-Sur Freddie Micallef, in-Nutar Dr Francis Micallef u l-Perit Lawrence Gatt*



*Il-kuruna li tpoġġiet fuq ras il-Madonna*



*Il-Prim Imħallef Cremona jgħaddi l-kuruna lill-Arċisqof Mikiel Gonzi li berikha*



*L-Arċisqof Gonzi jinkuruna x-xbieha tal-Madonna*